MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 714/2005

**Alfred u Mary Cascun ID Nru 731038(M)
u ID Nru 329341(M)**

**Vs**

**Carmelo Galea**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ disa’ mija u hamsin lira Maltin (Lm950) rapprezentanti arretrati dovuti ghal kirja ta’ fond bl-isem ta’ Dione’s Pub, f’San Pawl il-Bahar u dana skond skrittura privata ta’ kirja datata 31 ta’ Lulju, 2002 in atti Dr Pierre Falzon.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra li fis-seduta tal-21 t'April, 2005 il-konvenut ammetta l-kawza u talab zmien ghall-hlas.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' disa' mija u hamsin lira Maltin (Lm950), bl-imghax kif mitlub b'dan illi qed jigi koncess mod u terminu ghall-hlas tas-sorte permezz ta' rati mensili ta' hamsin lira Maltin (Lm50) b'dan illi jekk il-konvenut jaqbez zewg pagamenti, jitlef il-beneficcju tal-mod u terminu. L-ispejjez huma bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------